**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Novembru, 2017

Rikors Nru : 329/17AL

AB
VS
CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Peress illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg fis-sitta (6) ta' Dicembru tas-sena elf disgha mija u tmenin (1980) f'Malta u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok A;

2. Peress illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal XXXXXXXX YYYY ZZZZ

3. Peress illi l-partijiet ilom aktar minn erbgha (4) snin illi sseparaw minn ma xulxin u cioe mis-sena 2005;

4. Peress illi l-partijiet huma domiciljati f'Malta u hadd minnhom ma huwa rikjest sabiex jghaddi manteniment;

5. Peress illi ma hemm ebda possibbilta ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba (4) snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Talbet li l-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex :

1. Tidikkjara u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna illi wara li jghaddi z-zmien utili skond il-Ligi, koppja tad-Digriet relattiv tigi kkomunikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jigi debitament registrat skond il-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li permezz taghha jiddikjara :

Illi l-esponenti jaqbel mat-talba kif dedotta tar-rikorrenti, u dan stante li jikkonkorru l-kriterji kollha necessarji ghal pronunzjament tad-divorzju bejn il-partijiet;

Illi in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-esponenti umilment jirrileva li huwa ma ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-procedura;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Awwissu 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom ghal aktar minn erba' snin de facto separati minn ma xulxin u ghaddew minn procedura ta' medjazzjoni;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.